# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 6**

**Rikors numru 896/18/1 GM**

**Il-Kaptan Stojsic Branislav**

**v.**

**Philip Degiorgio u Marthese Degiorgio**

1. L-attur jgħid li bejn Mejju 2000 u Marzu 2002 huwa silef lill-konvenuti diversi somom ta' flus f'sitt okkażjonijiet, u fir-rigward ta' dan is-self kellu jiddekorri imgħax sal-ogħla rata permessa mil-liġi. L-attur jgħid li kull darba li huwa kien jerġa' jislef ammont ieħor lill-konvenuti kienet issir kambjala ġdida li kienet tinkorpora l-bilanċ li jkun għadu pendenti mis-self preċedenti u s-somma li tkun għadha kemm ġiet mislufa, b'mod li l-aħħar kambjala datata 22 ta' Ottubru 2008 tammonta għas-somma ta' €156,546. Skont l-attur il-konvenuti baqgħu jagħmlu ħlasijiet regolari sat-

8 ta' Ġunju 2012. L-attur kien sussegwentment ippreżenta ittra uffiċjali għall-għanijiet tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda l-konvenuti kienu opponew l-eżekuzzjoni tal-kambjala msemmija u b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Novembru 2017 kienet ġiet milqugħa t-talba tal-konvenuti għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tordna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom iħallsu lill-esponenti s-somma indikata fil-kambjala fuq riferita Dokument A u ċioe' s-somma ta' €156,546 liema ammont, skont l-istess kambjala sar dovut fil-31 ta' Diċembru 2009.
>
> 2. Tordna lill-intimati jħallsu lill-esponenti in via ta' imgħax bi 8% fuq l-imsemmija somma mid-data ta' meta din skadiet fil-31 ta' Diċembru 2009 u dan b'riżerva għal imgħaxijiet ulterjuri mil-lum sad-data tal-pagament effettiv."

3. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia,* l-ammonti mitluba mhumiex dovuti, li l-kambjala in kwistjoni hija nulla u invalida għaliex tirrifletti ammonti minfuħa bl-użura u imgħaxijiet fuq imgħaxijiet, li huma mhumiex debituri tal-attur u ilhom snin li ħallsu kull dejn li kellhom miegħu, li l-attur jeħtieġlu jġib prova tal-allegat self u kif wasal għall-ammonti mitluba minnu, u li l-attur ma kienx u mhux liċenzjat bħala bank jew istituzzjoni finanzjarja oħra li tislef il-flus u għalhekk ma setax jippresta s-self bil-mod u fil-munita li huwa ppresta bihom u għalhekk is-self kien wieħed irritwali.

4. Il-konvenuti rikonvenzjonanti preżentaw ukoll kontro-talba permezz ta' liema, wara li premettew li huma effettivament ħallsu s-somma ta' €169,506.99 lill-attur rikonvenzjonat u li €59,277 minn din is-somma tħallset in eċċess peress li l-imgħax ma jistax jeċċedi l-kapital u peress li l-attur rikonvenzjonat kien qiegħed jimponi rata ta' imgħax iktar għolja mill-ogħla rata permessa fil-liġi u kien qiegħed jaħdem l-imgħax b'metodi lleċiti partikolarment billi jippretendi l-ħlas ta' imgħax kompost, talbu lill-Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li l-esponenti konjuġi Degiorgio (intimati rikonvenzjonanti) kienu ssellfu mingħand l-attur rikonvenzjonat l-ekwivalenti tas-somma totali ta' tnejn u sebgħin elf seba' mija u tlieta u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€72,743.60);
>
> 2. Tiddikjara li l-intimati rikonvenzjonanti ħallsu lura lill-istess attur rikonvazjonat total ta' mija u disgħa u sittin elf ħames mija u sitt ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€169,506.99);
>
> 3. Tiddikjara illi, mill-ammont ta' €169,506.99 li l-intimati rikonvenzjonanti ħallsu lill-attur rikonvenzjonat, l-ammont ta' disgħa u ħamsin elf mitejn u sebgħa u sebgħin ewro (€59,277) jikkostitwixxi ħlas eċċessiv u indebitu u/jew ħlas mitlub illeċitament mil-attur rikonvenzjonat.
>
> 4. Tiddikjara għalhekk illi l-attur rikonvenjonat irċieva pagament eċċessiv, indebitu u/jew illeċitu mingħand l-intimati rikonvenjonanti ta' disgħa u ħamsin elf mitejn u sebgħa u sebgħin ewro (€59,277);
>
> 5. Tordna lill-attur rikonvenjonanti jirrifondi lill-intimat rikonvenjonanti s-somma ta' disgħa u ħamsin elf mitejn u sebgħa u sebgħin ewro (€59,277) bl-imgħax mit-22 ta' Ottubru 2008 (data li fiha seħħ il-pagament eċċessiv) sad-data tar-rifuzjoni effettiva:"

5. L-attur rikonvenzjonat eċċepixxa, *inter alia,* li mhuwiex minnu li s-somma mislufa lill-konvenuti kienet biss dik ta' €72,743.60, li mhuwiex minnu li kien hemm ħlas eċċessiv jew indebitu jew b'xi mod illeċitu mill-

konvenuti, u li m’hemm l-ebda ammont li għandu jitħallas minnu lill-konvenuti rikonvenzjonanti.

6. Bis-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta’ Jannar 2022 ġie deċiż hekk:

> “Għal dawn il-motivi l-Qorti:
>
> (1) tiċħad it-talbiet tal-attur.
>
> (2) tiċħad il-kontro-talbiet tal-konvenuti.
>
> Spejjeż tar-Rikors Guramentat a kariku tal-attur; spejjeż tal-kontro-talbiet a spejjeż tal-konvenuti.”

7. L-attur ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-14 ta’ Frar 2022 permezz ta’ liema talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet il-kontro-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti, tħassar, tannulla u tirrevoka l-bqija tas-sentenza appellata u minflok taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet kollha tal-attur u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellati, tiċħad it-talbiet kollha rikonvenzjonali u tilqa’ l-eċċezzjoni għal tali talbiet, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellati.

8. Il-konvenuti appellati ppreżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom flimkien ma’ appell inċidentali fit-28 ta’ Ġunju 2022 permezz ta’ liema, filwaqt li ssottomettew li l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud, talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-ewwel kap

tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi, tħassar il-bqija tas-sentenza appellata u minflok tilqa' l-kontro-talbiet tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-attur.

9. Minkejja li ġie debitament notifikat bir-risposta tal-appell u l-appell inċidentali tal-konvenuti fil-5 ta' Lulju 2022 l-attur baqa' ma ppreżenta l-ebda risposta.

**Ikkonsidrat;**

**L-Appell Prinċipali tal-Attur**

10. L-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li hu ma ressaqx prova suffiċjenti tal-ammont misluf lill-konvenuti. Jargumenta li mill-kambjala datata 22 ta' Ottubru 2008 jirriżulta li hemm qbil bejn il-partijiet li sa dakinhar kien jeżisti kreditu favur tiegħu ta' €156,546, ikkonsidrat li l-konvenuti mhux biss iffirmaw din il-kambjala iżda wkoll ħarġu *cheque backdated* għad-data sa meta suppost kellu jitħallas dak il-bilanċ. Isostni li mix-xhieda tiegħu u ta' Cleaven Attard jirriżulta li ladarba kien hemm self addizzjonali li kien sar wara s-self inizjali, u kif ukoll ladarba kien hemm pagamenti li kienu qed jinqatgħu kontra l-kapital minflok kontra l-imgħax m'hemmx dubju li l-ammont ta' dik il-kambjala kien dovut fis-sħiħ tiegħu.  Skont l-appellant minkejja li l-imgħax li kien

maqbul kien ta' 12% bejn Ġunju 2000 u Ottubru 2001, 10% bejn Ottubru 2001 u April 2004 u 8% minn April 2004 sad-data tal-ħruġ tal-kambjala imsemmija, jekk wieħed kellu dejjem japplika rata ta' imgħax ta' 8% fuq is-self oriġinali ta' 350,000 Deutsche Marks (DM) u jaqta' l-pagamenti magħmula kontra l-imgħax minflok kontra l-kapital, wieħed kien f'kull każ jasal għal ammont li jeżorbita din il-kambjala, kif spjegat minn Cleaven Attard fl-affidavit tiegħu. Jargumenta li għalhekk l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li din il-kambjala kienet tirraffigura ammont ta' kapital, imgħaxijiet u imgħaxijiet użurarji għaliex fil-fatt l-ammont kollu ta' dik il-kambjala kien ser ikun dovut li kieku l-imgħax inħadem dejjem bir-rata ta' 8% u l-pagamenti nqatgħu kontra l-imgħax minflok kontra l-kapital. Isostni li l-fatt li s-self oriġinali kien fl-ammont ta' 350,000 DM jirriżulta minn kalkolu matematiku li jidher ċar minn Dok KS1, li huwa spjegat fl-affidavit tal-attur u mhux kontradett peress li ma sarlu l-ebda kontroeżami, u kif ukoll ikkonfermat mill-firem tal-konvenuti stess f'Dok KS2 u Dok KS3. Jargumenta li l-konvenuti ppruvaw jattakkaw id-depożizzjoni ta' Cleaven Attard għaliex ma fehmux l-eżerċizzju li kien intalab li jagħmel, u ċioè li juri li jekk wieħed jibda minn self inizjali ta' 350,000 DM u jikkalkula l-imgħax bir-rata ta' 8% u jieħu kont tal-pagamenti li saru, kien ser jasal għal bejn wieħed u ieħor l-istess figura, u dan minħabba li l-attur kien qiegħed jaqta' l-pagamenti li saru kontra l-kapital u mhux kontra l-imgħax. Jargumenta wkoll li jekk wieħed iħares lejn it-teżi tal-kontroparti, u ċioè li l-ammont oriġinal misluf kien ta' 100,000 DM qatt ma jista' jasal għal figuri

li jagħmlu sens, anke jekk kellu jqis imgħaxijiet b'rati użurarji għall-perjodu kollu bejn meta sar is-self oriġinali sal-ħruġ ta' dik il-kambjala, u jżid li l-unika kambjala li ġiet prodotta mill-konvenuti biex tipprova dan ma fihiex il-firma tal-attur kif kienet il-konswetudini ta' bejn il-partijiet u għalhekk ma treġix, kif ġie korrettement ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti.

11. Il-konvenuti jwieġbu li wara li l-Qorti ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tiġi reża esegwibbli l-kambjala tat-22 ta' Ottubru 2008 minħabba li l-attur ammetta li kien applikati rati ta' imgħax kumulat u bl-użura, issa jinkombi fuq l-attur l-oneru li jiġġustifika l-ammont muri fiha. Jargumentaw li din il-Qorti m'għandhiex toqgħod fuq is-sinteżi tal-fatti mogħtija mill-attur fl-appell tiegħu għaliex isemmi ħwejjeġ bħallikieku dawn kienu fatti pruvati meta fil-fatt ma ġab l-ebda prova tagħhom, b'mod partikolari kemm kien l-ammont tas-self oriġinali, u jżidu li fil-fatt l-Ewwel Qorti rrimarkat li kemm l-attur u kif ukoll l-*accountant* tiegħu kkontradixxew ruħhom meta ġew sottoposti għall-kontroeżami. Isostnu li l-ewwel kambjala kienet ġiet ritornata lilhom meta din ġiet sostitwita u għalhekk kieku kien minnu li l-ammont ta' self oriġinali kien ta' 300,000 DM din il-kambjala ma kinitx tkun għal 100,000 DM, u jżidu li n-nuqqas tal-firma tal-attur fuq din il-kambjala hija rrelevanti għaliex il-liġi trid li l-kambjala tkun iffirmata minn min ħariġha u mhux ukoll minn min aċċettaha. Jargumentaw li huwa evidenti li l-konteġġi li qed jagħmel l-attur mhumiex tajbin, l-ewwel nett għaliex l-attur jindika diversi pagamenti li huwa kien aċċetta akkont tal-

kapital u issa ħabta u sabta qiegħed jallokahom għall-imgħax, mentri kreditur li jkun aċċetta pagament akkont tal-kapital ma jistax f'data futura jgħid li qiegħed iqis dak il-pagament akkont tal-imgħax. Iżidu li l-konteġġi tal-attur tant mhumiex konsistenti li dawk miġjuba fir-rikors tal-appell mhumiex l-istess bħal dawk miġjuba mill-attur quddiem l-Ewwel Qorti u fil-fatt il-figura msemmija fir-rikors tal-appell lanqas taqbel mal-figura imsemmija fir-rikors promotur u l-figuri ċitati mill-attur fil-kors tal-ġbir tal-provi. Jgħidu li barra minn hekk l-konteġġi magħmula minn Cleaven Attard mhumiex ta' min joqgħod fuqhom għaliex huwa kkonferma in kontroeżami li ma kienx ra dokumenti u qagħad biss fuq dak li qallu l-attur, u anke peress li kkonferma li mill-kambjala tat-22 ta' Ottubru 2009 ma setax jasal għal figura ta' kemm mill-ammont indikat fuq il-kambjala kien jirrappreżenta l-kapital u kemm kien jirrappreżenta l-imgħax, u li meta staqsa lill-attur għal din l-informazzjoni, l-attur baqa' ma qallux kemm kien il-kapital u kemm kien l-imgħax. Isostnu li l-attur stess ammetta li kien għamel żmien iżomm imgħax bir-rata ta' 12% imbagħad bir-rata ta' 10% u li l-ammont indikat fuq il-kambjala tat-22 ta' Ottubru 2008 jinkludi wkoll imgħax, li jfisser li l-ammont reklamat minnu jinkludi imgħax bl-użura u imgħax kompost.

12. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jitlob ħlas ta' €156,546 skont kambjala datata 22 t'Ottubru 2008 flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri. Skont il-pretenzjoni fir-Rikors Ġuramentat, il-kambjala tirrappreżenta bilanċ ta' ammont ta' flus misluf f'sitt okkażjonijiet bejn Mejju 2000 u Marzu tas-sena 2002. Il-konvenuti jilqgħu għat-talba tal-attur billi

jallegaw li diġa` ħallsuh l-ammonti kollha mislufa, inkluż imgħax bl-użura, u għalhekk m'għandhom jagħtuh xejn; anzi, tawh €169,506.99 u permezz tal-kontro-talba qegħdin jitolbu €59,277 li ħallsu żejda. Skonthom l-ammonti ta' self saru bejn is-snin 2000 u 2001.

Mhux ikkontestat li għall-ewwel l-attur kien iżomm imgħax bi 12% u mbagħad bl-10% sakemm eventwalment niżel għal 8%. Skont il-konvenuti r-rata tal-imgħax kienet 12% mill-04.02.2000; 10% sal-15.04.2004; 8% mill-15.04.2004 'il quddiem. Skonthom, fit-22.10.2008 kien imħallas il-kapital kollu flimkien mal-8% imgħax. Allegatament ħallsu wkoll imgħax fuq l-imgħax. Il-konvenuti esebew kontijiet bankarji kif ukoll tellgħu rappreżentanti tal-banek li kkorroboraw il-lista ta' depożiti bankarji u bank drafts li kienu għamlu favur l-attur. Iżda allegatament għamlu wkoll xi ħlasijiet fi flus kontanti u ta' dawn ma ġiebu l-ebda riċevuta.

Jirriżulta li l-kambjala tirrappreżenta kemm ammont ta' kapital kif ukoll imgħaxijiet, inkluż mgħaxijiet użurarji.

Il-partijiet ma jaqblux dwar kemm kien it-total tal-ammont misluf. Filwaqt li l-attur jallega li silef l-ekwivalenti ta' DM300,000, il-konvenuti jsostnu li l-ammont kien ekwivalenti għal €72,743.60 (Lm31,228.83 jew DM100,000).

Għalhekk jirriżulta li l-partijiet la jaqblu dwar kemm kien il-kapital misluf u l-anqas kemm tħallas minnu. Bħala kreditur, imiss lill-attur li jipprova l-ħolqien tad-debitu; li dan id-debitu għadu dovut; u li d-debitur baqa' inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tiġi mwettqa u sodisfatta din il-prova illi mbagħad il-piż tal-prova jdur fuq il-konvenut li jallega l-ħlas. Dan skont il-prinċipju li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu:

> "Qua kreditrici, l-attriċi hi fid-dmir li tipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitriċi tagħha baqgħet inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tigi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenuti debituri li jallegaw il-pagament. Dan il-prinċipju għandu l-fondament tieghu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, 'fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, ċioe`, l-attur l-esiġibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju actore non probante reus absolvitur - Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri, Qorti Civili, Prim' Awla, per Imħ. Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970".

Is-self sar fuq l-idejn – brevi manu - u għalhekk m'hemm l-ebda skrittura li tista' sservi bħala prova diretta tiegħu. Il-prova l-iktar sostanzjali li jġib l-attur hi l-kambjala datata 22.10.2008 fis-somma ta' €156,546 u li kellha timmatura fil-31.12.2009. Quddiem din il-Qorti, diversament ippreseduta, u fi proċedura li fetaħ biex il-kambjala tiġi reża esegwibbli (Rikors Nru. 181/2013), l-attur ammetta li fuq is-self

huwa żamm imgħax fuq l-imgħax, u li effettivament il-kambjala in kwistjoni kienet għal ammonti li jinkludu mhux biss il-kapital imma wkoll l-imgħax maħdum fl-użura u kumulat. F'dik il-proċedura, b'deċiżjoni tad-9 ta' Novembru 2017 il-Qorti ċaħdet it-talba tal-kaptan. Għalhekk issa jinkombi lill-attur li jġib prova tad-dejn allegatament dovut lilu, u rappreżentat fl-istess kambjala. L-attur irid jiġġustifika l-ammont muri fiha, għax altrimenti tista' tkun obbligazzjoni mingħajr kawża. Kambjala ma toħloq qatt novazzjoni tal-obbligazzjoni preċedenti.

L-attur ma ġabx prova li huwa oriġinarjament silef is-somma ta' DM300,000. Stqarr li tħallas parti mill-ammont dovut fil-kambjala tat-22.10.2008 iżda li ma kienx jaf kemm. Ipproduċa rapport u konteġġi minn accountant li fil-kontroeżami ammetta li qagħad fuq dak li qallu l-kaptan u li ma kellux dokumentazzjoni oħra għajr id-dokumenti tal-kambjali, u li ma ħax konjizzjoni tal-pagamenti kollha li għamlu l-konvenuti. Il-Qorti tinnota li f'partijiet mix-xhieda tiegħu, l-accountant ikkontradixxa ruħu u saħansitra ppreżenta affidavit ulterjuri sabiex jikkoreġi ruħu. Barra minn hekk, mill-istess konteġġi tiegħu jirriżulta li l-imgħax eċċeda l-kapital (ultra duplum).

Għajr il-kelma tiegħu stess, l-attur ma ġieb l-ebda prova bil-miktub tat-total tal-flus avvanzati minnu lill-konvenuti f'diversi okkazjonijiet. Ikkontro-eżaminat, irrifjuta li jagħti informazzjoni dwar minn fejn u kif ġab dawn il-flus u għalhekk lanqas forna lill-Qorti imqar provi indiretti u indizjarji, bħal żbanki ta' ammonti minn xi istituzzjoni bankarja.

Għalhekk l-attur a rnexxilux jipprova la kemm kien it-total tal-ammont misluf u lanqas li għadu dovut. Stabbilit dan, għall-fini tat-talbiet tal-attur, il-konvenuti ma kellhom għalfejn iressqu l-ebda prova la dwar l-entita` tas-somom mislufa, la tal-imgħax, u lanqas tal-pagamenti li għamlu."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

13. L-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li huwa ma ppruvax suffiċjentement l-ammont pretiż minnu, l-ewwel nett għaliex dan l-ammont jirriżulta minn kambjala ffirmata mill-konvenuti li saħansitra ħarġu ċekk *post-dated* għall-istess ammont. Il-Qorti tqis li dan l-argument m'għandux mis-sewwa. Il-fatt li l-attur esebixxa kambjala ma

jfissirx li allura l-pretensjoni tiegħu hija awtomatikament suffiċjentement pruvata. Kif ġie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **John Giordimaina et v. Joseph Pace et** (Prim' Awla, 16/01/2003):

> "Azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess, ma tistax timxi wahedha minghajr riferenza ghall-ftehimli wassal ghall-hrug taghha.
>
> Il-legislatur Malti ma ghamilx il-kambjala titolu esekuttiv, specifikament biex il-kambjala, diment li tkun ghada fil-pussess tal-persuna favur min inharget, ma tigix uzata bhala magna ta' estorzjoni, izda minn jitlob hlas fuqha ikun irid jiggustifika t-talba tieghu, ghax altrimenti tista tkun obbligazzjoni bla kawza (jekk ma jkunx wettaq id-doveri tieghu) li ma tistax tigi enforzata. Kambjala ma tohloq qatt novazzjoni tal-obbligazzjoni precedenti."

14. Il-Qorti rat li l-attur ipprova jirrendi l-kambjala eżegwibbli iżda din it-talba ġiet miċħuda mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' sentenza datata 9 ta' Novembru 2017 wara li l-attur stess ammetta li kien qiegħed iżomm imgħax bl-użura u imgħax kompost u li l-figura ndikata fuq il-kambjala kienet tinkludi mhux biss il-kapital li kien allegatament dovut lilu iżda wkoll l-imgħax ikkalkolat bil-mod illeċitu msemmi. F'dawn il-proċeduri wkoll jirriżulta li l-kambjala in kwistjoni kienet tinkludi fiha ammont ta' imgħax, u li l-attur kien għamel snin sħaħ japplika rata ta' imgħax li kienet lil hinn sew mill-ogħla rata ta' 8% permessa mil-liġi, minbarra li kien qiegħed jikkalkula imgħax kompost. Għalhekk mhuwiex il-każ li huma l-konvenuti li "qieghdin jipprovaw jallegaw illi l-ammont indikat f'dik il-kambjala kien jinkludi mhux biss kapital u imgħax, iżda wkoll imgħax b'ammonti użurarji" kif jikkontendi l-attur. Il-fatt li din il-kambjala tinkludi imgħaxijiet bl-użura u imgħax kompost tirriżulta proprju mix-

xhieda tal-attur u d-dokumenti esebiti minnu stess. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-kambjala esebita mill-attur ma tista' qatt tikkostitwixxi prova ta' dejn dovut mill-konvenuti li din il-Qorti tista' tistrieħ fuqha.

15. L-attur jargumenta wkoll li mix-xhieda tiegħu jirriżulta li kien hemm ħlasijiet magħmula mill-konvenuti li huwa imputa lill-kapital minflok l-imgħax, u li għalhekk meta wieħed jimputa dawn il-ħlasijiet lill-imgħaxijiet għandu jirriżulta li l-ammont pretiż minnu f'din il-kawża huwa suffiċjentement pruvat. Dan l-argument huwa manifestament żbaljat. Għalkemm huwa minnu li skont il-liġi r-regola ġenerali hi li pagament magħmul minn debitur ta' somma flus li tagħti imgħax jiġi imputat għall-imgħaxijiet u mhux għall-kapital, din ir-regola mhijiex mingħajr eċċezzjoni. Skont l-Artikolu 1169(1) tal-Kodiċi Ċivili huwa possibbli li l-pagament jiġi imputat għall-kapital minflok għall-imgħaxijiet jekk il-kreditur jagħti l-kunsens tiegħu biex isir hekk. Dan ifisser li ladarba kien l-attur stess li għażel li jimputa l-pagamenti magħmula mill-konvenuti għall-kapital, ma jistax issa jippretendi li din il-Qorti tagħmel xi kalkolu fejn il-ħlasijiet magħmula mill-konvenuti li l-attur imputa għall-kapital jiġu minflok imputati għall-imgħaxijiet.

16. Il-Qorti tinsab frankament perplessa dwar l-argument tal-attur li x-xhieda mogħtija minnu in kontroeżami "mhux kontradett peress li ma sarlu l-ebda kontroezami…" L-attur ġie kontroeżaminat estensivament

mill-konvenuti waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2019, kif ukoll waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2020, u fl-atti tal-kawża hemm traskrizzjoni ta' kważi erbgħin faċċata tal-kontroeżami tal-attur. Mill-verbali relattivi jirriżulta li waqt dawn iż-żewġ seduti l-attur kien assistit mill-Avukat Dottor Carl Grech, li huwa l-istess avukat li ffirma r-rikors tal-appell, u għalhekk din il-Qorti tqis li huwa verament inkomprensibbli li fl-appell jiġi dikjarat mill-attur li ma ġiex kontroeżaminat. Waqt il-kontroeżami tiegħu l-attur ġie mistoqsi domandi komprensivi fir-rigward ta' dak li xehed fl-affidavit tiegħu u d-dokumenti li ppreżenta flimkien mal-istess affidavit, dwar ir-rati ta' imgħax li huwa applika, kif ħadem l-imgħax dovut, kemm kien l-ammont ta' self oriġinali, kif għamel il-konverżjoni minn Deutsche Mark għal Liri Maltin, f'liema munita ta l-flus mislufa lill-konvenuti, x'kien l-impjieg tiegħu u x'kienet l-oriġini tal-flus li huwa jgħid li silef lill-konvenuti. Għalhekk huwa ċar li verament m'hemm xejn minn dak li xehed l-attur li dwaru ma ġiex suġġett għall-kontroeżami.

17. Fir-rigward tax-xhieda tal-*accountant* Cleaven Attard u l-komputazzjoni magħmula minnu l-Qorti tosserva li minkejja li l-attur jagħmel referenza għalihom fir-rikors tal-appell tiegħu huwa jonqos milli jispjega lil din il-Qorti għalfejn għandha tiskarta l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar kif l-istess *accountant* ikkontradixxa ruħu tant li kellu jippreżenta affidavit ulterjuri biex jikkoreġi ruħu, li ma ħax konjizzjoni tal-pagamenti kollha magħmula mill-konvenuti, li qagħad biss fuq dak li qallu

l-attur u li l-konteġġi tiegħu jmorru kontra l-projbizzjoni tal-*ultra duplum.* Fi kwalunkwe każ, wara li rat ix-xhieda ta' Cleaven Attard u l-konteġġi magħmula minnu, din il-Qorti tqis li l-konteġġi magħmula minn Attard saru b'mod verament mhux professjonali u affidabbli u dan ikkonsidrat illi:

i. Attard ammetta in kontroeżami li qagħad fuq dak li qallu l-attur, u ma kienx f'pożizzjoni li jipproduċi d-dokumentazzjoni li bbaża l-konteġġi tiegħu fuqha, minbarra li lanqas kien jiftakar jekk id-dokumenti li ra kinux l-oriġinali jew kopji, u kien hemm numru ta' mistoqsijiet li huwa wieġeb fis-sens li ma jiftakarx minn fejn ġab l-informazzjoni li uża fil-kalkoli tiegħu.

ii. Huwa ammetta wkoll li l-kalkoli tiegħu għamilhom kollha fuq l-assunzjoni li l-pagamenti magħmula mill-konvenuti kienu qegħdin jinqatgħu mill-imgħax minkejja li kien jaf għaliex qallu l-attur stess li kien hemm diversi ħlasijiet magħmula mill-konvenuti li huwa kien imputa għall-kapital, u li mill-provi jirriżulta li kienu jammontaw għal total ta' €59,500. Dan minbarra li fuq ammissjoni tiegħu stess jirriżulta li ma ħax in konsiderazzjoni l-ħlasijiet kollha magħmula mill-konvenuti. Dan waħdu diġà jfisser li l-kalkolu tal-imgħax magħmul minn Attard huwa kompletament żbaljat għaliex ibbażat fuq figuri ħżiena.

iii. Fuq ammissjoni ta' Attard stess jirriżulta wkoll li l-kalkoli tiegħu jinkludu imgħax kompost u dan saħansitra fuq imgħax użurarju peress li huwa ammetta li l-attur kien qallu li l-ammont indikat

fuq il-kambjala kien jinkludi l-imgħax (li kien jaf li għal xi snin kien jeċċedi t-8%) u meta mistoqsi jikkonferma li imbagħad fuq dan l-ammont li jinkludi l-imgħax reġax żied imgħax bir-rata ta' 8% wieġeb "Eh hekk tiġi iva." Dan minkejja li fiċ-ċirkostanzi ma setgħux jiġu kkalkolati imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet għall-għanijiet tal-Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili peress li ma jirriżultax li kien hemm xi ftehim f'dan is-sens bejn il-partijiet;

iv. Mill-kalkoli magħmula minn Attard jirriżulta li huwa kien qiegħed imur kontra r-regola li tipprojbixxi l-*ultra duplum,*[1] tant illi fl-ewwel kalkoli magħmula minnu f'Dok CA1 indika li l-ammont ta' imgħax li ttieħed in konsiderazzjoni kien jammonta għal 130.11% tal-ammont li qal jirrappreżenta s-self oriġinali mogħti mill-attur lill-konvenuti;

v. Mistoqsi kemm mill-ammont indikat fil-kambjala tat-22 ta' Ottubru 2008 jirrappreżenta l-kapital u kemm jirrappreżenta l-imgħax Attard wieġeb "Le ma stajtx nistabbilixxi dak l-ammont" u mistoqsi jispjega għalfejn wieġeb "Fuq il-minn fuq il-dokumenti li kellu il-kaptan ma stajtx nasal għal dik il-figura." Agħar minn hekk, Attard xehed li huwa kien staqsa lill-attur kemm kien il-kapital iżda l-attur ma wiġbux.

---

[1] Ara per eżempju : **H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. v. Tal-Barrani Company Limited et** (Appell, 28/01/2021) :"…fejn dejn ma huwiex dovut officio judicis jintlaqat bir-regola ultra duplum."

18. Illi għalhekk m'hemmx dubju li l-kalkoli magħmula mill-*accountant* Cleaven Attard bl-ebda mod ma jikkorroboraw it-teżi tal-attur li l-konvenuti huma debituri tiegħu fl-ammont ta' €156,546, oltre l-imgħax. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-attur donnu jinsa li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li ma kienx hemm prova suffiċjenti dwar kemm kien l-ammont ta' self li oriġinarjament l-attur silef lill-konvenuti. Mingħajr din il-prova għalhekk huwa għal kollox inutli li jsir eżerċizzju teoretiku dwar kemm kien ikun l-ammont dovut kieku l-imgħax dejjem inħadem bir-rata ta' 8%, għaliex il-punt ta' tluq, u ċioè s-somma ta' self oriġinali, mhijiex pruvata. Dan minbarra li l-kalkoli li saru minn Cleaven Attard huma kompletament żbaljati għaliex saru fuq is-saħħa ta' assunzjonijiet li jikkontradiċu l-ftehim milħuq bejn il-partijiet, kif ukoll komputazzjoni li ma tistax issir legalment, u ċioè imgħax kompost, kif ġie spjegat fil-paragrafu preċedenti.

19. Il-Qorti tqis ukoll li bl-applikazzjoni tar-regola tal-*ultra duplum* ma jistax ikun li sas-7 ta' Settembru 2018 kien hemm bilanċ dovut ta' €414,392.[2] Skont l-attur il-konvenuti ħallsu s-somma globali ta' €178,917. Għalhekk jekk ma' dan tiżdied il-pretensjoni attriċi oriġinali sas-7 ta' Settembru 2018, l-attur kien qed jippretendi li b'kollox jitħallas €589,792, oltre l-imgħax dekoribbli mis-7 ta' Settembru 2018, u dan meta l-ammont li skont hu ġie misluf lill-konvenuti kien fl-ammont ta' €175,400.

---

[2] Ammont li jinkorpora wkoll is-somma speċifika ta' €257,846 rappreżentanti imgħax mill-31 ta' Diċembru 2009 sas-7 ta' Settembru 2018 li sussegwentement ġiet imħassra mir-rikors ġuramentat bid-debita awtorizzazzjoni.

20. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li l-attur naqas milli jressaq prova sufficjenti tal-ammont li huwa silef lill-konvenuti. Kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti l-attur lanqas biss ressaq provi indiretti bħal per eżempju żbank ta' flejjes minn xi istituzzjoni bankarja. B'dan il-mod l-attur kien almenu jkollu favur tiegħu provi indizzjarji li jikkorroboraw il-verżjoni tiegħu. Minflok l-attur ma ried assolutament jagħti l-ebda informazzjoni dwar il-provenjenza tal-flejjes mislufa minnu lill-konvenuti jew kwalunkwe informazzjoni oħra dwar dawn il-flejjes. Fil-fatt l-*accountant* tal-attur stess Cleaven Attard xehed li l-attur irrifjuta li saħansitra jgħidlu kemm kien l-ammont oriġinali li kien silef lill-konvenuti, filwaqt li quddiem l-Ewwel Qorti l-attur irrifjuta li jwieġeb kwalunkwe domanda li kienet relatata mal-provenjenza tal-flejjes mislufa.

21. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li l-attur ma ssodisfax l-oneru tal-prova li kien jinkombi fuqu f'dawn il-proċeduri u għaldaqstant l-appell tal-attur qiegħed jiġi miċħud.

**L-Appell Inċidentali**

22. Il-konvenuti jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li huma ma pproduċewx provi ċerti tal-pagamenti magħmula minnhom, u jsostnu li fil-fatt l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni

provi dwar il-ħlasijiet magħmula minnhom direttament fil-kontijiet bankarji tal-attur. Jargumentaw li għalkemm huwa minnu li kien hemm pagamenti li saru bi flus kontanti li dwarhom m'hemmx riċevuti, dawn il-pagamenti jinsabu konfermati mill-attur stess jekk wieħed iqabbel l-ammonti li hu stess iddikjara li rċieva. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet ukoll żbaljata meta kkonsidrat li ma ppruvawx b'mod ċert kemm kien l-ammont misluf għaliex l-ammont inizjali ta' self ġie pruvat permezz tad-dokument tal-kambjala oriġinali li kienet ta' 100,000 DM, filwaqt li s-somom l-oħra ta' flus li ġew mislufa ġew ikkonfermati mill-attur stess u għalhekk m'għandux ikun hemm kontestazzjoni fuqhom. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tiċħad il-kontrotalba tagħhom għaliex l-attur stess iddikjara li kien irċieva mingħandhom somma li tammonta għal aktar mid-doppju tal-ammont globali misluf, u ċioè €72,743.60. Iżidu li l-konteġġi preżentati minn Cleaven Attard minnhom innifishom juru kalkolu fejn l-imgħax baqa' tiela aktar mill-kapital pretiż mill-attur li juri li hemm prova biżżejjed li s-sistema adoperata mill-attur ma kinitx disenjata biex tieqaf tiġġenera imgħax hekk kif dan jiġi jekwivali għall-kapital.

23. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Permezz tal-kontro-talba, l-atturi jallegaw li ħallsu ż-żejjed. Kuntrarjament għall-qagħda tagħhom bħala konvenuti għat-talbiet tal-attur, fil-kontrotalba huma atturi u allura għandhom il-piż li jippruvaw li ħallsu żejjed u kemm.
>
> Għalhekk għal dan il-fini il-folja tinqaleb u jmiss lilhom li jġibu l-prova ta' kemm kien l-ammont totali lilhom misluf u l-ammont li ħallsu lill-attur.

Il-konvenuti xehdu li s-self sar b'dawn l-ammonti fl-ordni kronoloġiku li ġej:
04.02.2000 DM100,000 (Lm20,866)
31.01.2001 DM10,000 (Lm2,062.83)
31.01.2001 US$10,000 (Lm4,300)
31.01.2001 Lm4,000
Total: Lm31,228.83 (€72,743.60)

Skonthom, prova tal-ewwel pagament hija l-kambjala ta' DM100,000 li fotokopja informi tagħha ġiet esebita, datata 4 ta' Frar 2000 kif ukoll ċekk datat 04.05.2000 għal Lm20,866.6 Issa l-partijiet jaqblu li bejniethom kien hemm din is-sistema: kull meta kien isir self, il-konvenuti joħorġu kambjala kif ukoll ċekk favur l-attur għal ammont ekwivalenti. Hekk ukoll kull meta jkun dovut imgħax. Kull darba li jkun hemm bdil fl-ammont dovut, il-kambjala u ċ-ċekk kienu jiġu ritornati mill-attur lill-konvenuti, u jinħarġu kambjala u ċekk ġodda rappreżentanti l-bilanċ il-ġdid. Fil-fatt skont il-konvenuti l-attur mhux dejjem irritorna l-kambjali, u ġieli minflok tahomlhom lura qattagħhom fil-preżenza tagħhom. Fir-rikors promotur tiegħu l-attur ukoll jallega li l-kambjali kienu jiġu distrutti. Il-prattika ta' bejniethom kienet li apparti l-konvenuti, l-attur ukoll jiffirma l-kambjala, anke jekk skont il-liġi mhux marbut jagħmel dan. Il-kambjala tal-4 ta' Frar 2000 iżda ma kinitx iffirmata mill-attur, u tinstab fil-pussess tal-konvenuti. Waqt it-trattazzjoni finali bil-fomm, l-abbli avukat difensur tal-attur jitfa' dubju fuq il-veraċita` tal-kambjala, billi jisħaq fuq din iċ-ċirkostanza, kif ukoll fuq iċ-ċirkostanza l-oħra li l-konvenuti pproduċew din il-kambjala iżda konvenjentement mhux ukoll il-kambjali l-oħrajn; u jallega li din setgħet ġiet magħmula fi kwalunkwe żmien mill-konvenuti. Għal dan, l-abbli avukat difensur tal-konvenuti rreplikat li l-kambjala, esibita fl-oriġinal tagħha, tidher magħmula fuq karta antika u għalhekk ma jirriżultax li ġiet iffabrikata mill-konvenuti apposta għal din il-kawża.

Il-kambjala tal-4 ta' Frar 2000, għall-fini ta' prova fil-kawża preżenti, huwa strument unilaterali, rilaxxjat mill-konvenuti, u fil-pussess tal-istess konvenuti li ħarġuh. Filwaqt li bħala kitba hija ammissibbli bħala prova tal-fatti miġjuba fil-kawża (Art. 632(2)) Proċ. Ċiv.), mhix waħda mid-dokumenti li, permezz ta' preżunzjoni maħluqa mil-liġi, jippruvaw dak li jkun fihom, salv prova kuntrarja (Art. 627 u Art. 629 Proċ. Ċiv.). Il-konvenuti għalhekk iridu jippruvaw (i) l-awtentiċita` tal-kambjala de quo kif ukoll (ii) l-prova tal-kontenut tagħha. Huwa minnu li bħala ammissjoni (f'dan il-każ ta' dejn) kontra min ħariġha, jista' jingħad li hemm prova tal-kontenut tagħha. Iżda dak illi qegħdin jittentaw jippruvaw il-konvenuti mhuwiex li kellhom dan id-dejn, imma li kellhom, f'dik id-data partikolari, dan id-dejn biss. Prova li ma jistgħux jagħmlu permezz tal-kambjala, anke jekk din titqies bħala dokument ġenwin.

Skont il-konvenuti, ħallsu lura €169,506.99 f'diversi pagamenti, u f'diversi modi - kontanti, depożiti bankarji jew bank drafts bejn is-sena 2001 u 2012, €77,053.59 f'depożiti bankarji jew bank drafts u

€92,506.99 fi flus kontanti. Ma pproduċewx dokumentazzjoni rigward il-flus kontanti.

Għalhekk jirriżulta li l-konvenuti pproduċew provi ċerti dwar parti mill-ammont li ħallsu lura, iżda mhux dwar l-ammont kollu. Ma ppruvawx b'mod ċert kemm kien l-ammont misluf. Dwar dan il-Qorti għandha l-kelma tagħhom biss. Barra minn hekk, hija sprovvista minn provi sekondarji bħal kambjali u ċekkijiet relattivi, għajr dawk il-waħdiet esibiti. Għalhekk ma tistax tagħmel l-eżerċizzju matematiku li tnaqqas l-ammont imħallas bl-ammont (allegatament inferjuri) mislu.

Għalhekk lanqas il-kontrotalba ma tista' tigi milqugħa."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

24. Il-Qorti tibda billi tirrileva li għandhom raġun il-konvenuti fl-ilment tagħhom li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li ma hemmx prova tal-ammont kollu li huma kienu qed jgħidu li ħallsu lill-attur. Il-konvenuti sostnew li huma kienu ħallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' €169,506.99. Min-naħa tiegħu l-attur iddikjara li l-konvenuti ħallsuh is-somma komplessiva ta' €175,400. Għalhekk, ikkonsidrat li l-ammont li l-konvenuti jgħidu li ħallsu lill-attur huwa inqas mill-ammont li l-attur stess jammetti li rċieva mingħandhom, m'għandux ikun hemm dubju li l-ħlasijiet li l-konvenuti jgħidu li għamlu lill-attur huma suffiċjentement pruvati.

25. Dwar l-argument tal-konvenuti li l-ammont oriġinarjament misluf jinsab suffiċjentement pruvat bil-preżentata min-naħa tagħhom tal-kambjala oriġinali, il-Qorti tosserva li l-konvenuti naqsu milli jispjegaw lil din il-Qorti għalfejn għandha tiskarta l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar ir-raġuni għalfejn ma sabitx li din il-kambjala kienet tikkostitwixxi

prova suffiċjenti tal-ammont ta' self oriġinali. L-Ewwel Qorti kkonsidrat li għalkemm skont il-partijiet il-prassi tagħhom kienet li l-kambjala tiġi ffirmata wkoll mill-attur din il-kambjala partikolari kienet iffirmata biss mill-konvenuti, u wkoll li l-fatt li din il-kambjala kienet għadha fil-pussess tal-konvenuti kien imur kontra l-konswetudni tal-partijiet li jqattgħu l-kambjala preċedenti meta ssir kambjala oħra. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dan ir-raġunament tal-Ewwel Qorti dwar għalfejn ma setgħetx tqis li l-kambjala kienet prova suffiċjenti ta' kemm kien id-dejn oriġinali. Kif sewwa kkonsidrat l-Ewwel Qorti, il-konvenuti ma kinux qed jużaw din il-kambjala biex juru li huma kienu oriġinarjament issellfu s-somma ta' 100,000 DM mingħand l-attur iżda sewwasew sabiex juru li huma ma kinux isselfu s-somma ta' 300,000 DM. Għalhekk, ikkonsidrat li l-kambjala prodotta mill-konvenuti kienet tmur kontra l-konswetudni ta' bejn il-partijiet għal dak li jirrigwarda l-kambjali li kienu qed isiru bejniethom l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li waħedha ma kinitx prova suffiċjenti ta' dak allegat mill-konvenuti. F'dan ir-rigward il-Qorti żżid li fil-kontro-talba kien jinkombi fuq il-konvenuti l-oneru li jressqu prova suffiċjenti ta' dak allegat minnhom, u ċioè li l-ammont li huma ssellfu mingħand l-attur kien fis-somma ta' €72,743.60 u li huma kienu effettivament ħallsu lill-attur ferm iktar minn hekk. Fir-rigward tal-argument tal-konvenuti dwar il-konteġġi ta' Cleaven Attard, il-Qorti tirrileva li għalkemm huwa minnu li dawn il-konteġġi ma jħallu l-ebda dubju li kien qiegħed jiġi kkalkulat imgħax fuq l-imgħax, għall-finijiet tal-

kontro-talba tagħhom din tibqa' kwistjoni rrilevanti la l-konvenuti naqsu milli jippruvaw kemm kien l-ammont li huma kienu ssellfu mingħand l-attur.

26. Il-Qorti tqis għalhekk li ma tirriżulta l-ebda raġuni għalfejn is-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi ddisturbata u għaldaqstant l-appell inċidentali tal-konvenuti qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell prinċipali tal-attur u l-appell inċidentali tal-konvenuti, u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż tal-appell prinċipali jitħallsu mill-attur filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali jitħallsu mill-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr